MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2793/2002

Golden Harvest Manufacturing
Co Ltd.
Vs
Charles Zarb

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Novembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sebgha u erbghin lira Maltin u tlettax –il centezmu (LM647.13) in kwantu ghal tliet mija u sebgha u erbghin lira Maltin u tlettax –il centezmu (LM347.13) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lid-debitur u b'digriet ta' l-20 ta' Frar, 2003, gew mizjuda dawn il-kliem, tliet mitt lira Maltin (LM300) prezz ta' zewg chest freezers li thallew lid-debitur skond zewg dokumenti hawn annessi Dok A u B u li d-debitur qatt ma rritornhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 22 t'April, 2002, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut .

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-17 ta' Frar, 2003, fejn jammetti t-talba in kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u sbatax –il lira Maltin (LM317) u jikkontesta t-talba in kwantu ghall-ammont ta' tliet mitt lira Maltin (LM300) stante li dan l-ammont diga thallas mill-konvenut.

Sema li l-konvenut waqaf li jipproduci x-xhieda tieghu wara li giet ordnata l-inversjoni tal-provi.

Sema lill-Avv Dr Joseph Sammut jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sebgha u erbghin liri Maltin u tlettax –il centezmu (LM647.13) bl-ispejjez u bl-interessi kollha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------